

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja)
fl-20 ta' Marzu 2023 – trendtours Touristik GmbH vs SH**

(Kawża C-170/23, trendtours Touristik)

(2023/C 189/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Frankfurt am Main

Partijiet fil-kawża prinċipali

Konvenut fl-ewwel istanza u appellant: trendtours Touristik GmbH

Rikorrent fl-ewwel istanza u appellat: SH

Domandi preliminari

- 1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE⁽¹⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kumpens minħabba xoljiment dovut lill-operatur turistiku ma huwiex eskluż jekk, waqt il-vjaġġ, ma jkunx hemm iktar dannu sinjifikattiv ikkawżat minn ċirkustanzi straordinarji u inevitabbli, minkejja li tali ċirkustanzi li kellhom dannu sinjifikattiv kienu jeżistu f'punt preċedenti, jew inkella l-kwistjoni dwar jekk ċirkustanzi straordinarji u inevitabbli kellhomx dannu sinjifikattiv għat-twettiq tal-vjaġġ tiddependi esklużivament minn deċiżjoni bbażata fuq previżjoni magħmula fil-mument tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment?
- 2) Fil-każ li l-fattur determinanti jkun deċiżjoni bbażata fuq previżjoni, sa liema punt għandu jistenna l-vjaġġatur sabiex jiddikjara x-xoljiment mingħajr ma jkun obligat iħallas kumpens għal xoljiment anki jekk id-dannu sinjifikattiv ikkawżat minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u inevitabbli sussegwentement jintemm?

⁽¹⁾ ĠU 2015, L 326, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-28 ta' Marzu 2023 –
Autorità di regolazione dei trasporti vs Lufthansa Linee Aeree Germaniche et**

(Kawża C-204/23, Lufthansa Linee Aeree Germaniche et)

(2023/C 189/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Autorità di regolazione dei trasporti

Konvenuti: Lufthansa Linee Aeree Germaniche, Austrian Airlines AG, Brussels Airlines SA/NV, Swiss International Air Lines Ltd, Lufthansa Cargo AG

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li l-finanzjament tal-Awtorità għandu jsir biss permezz tal-impożizzjoni ta' taxxi ajruportwali jew dan ma jistax isir lanqas permezz ta' forum oħra ta' finanzjament bħall-impożizzjoni ta' kontribuzzjoni (il-Kulleġġ iquis li l-ġbir tas-somom intiżi għall-finanzjament tal-Awtorità permezz ta' dazji huwa sempliċi għażla għall-Istati Membri)?